MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 258/2003

**Avviz numru 258/2003DM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**John Mary u Doreen konjugi Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija disgha u tletin Lira u erbatax-il centezmu (Lm1639.14) rapprezentanti import ta' sbatax-il (17) kambjala tal-valur ta' sitta u disghin Lira u tnejn u erbghin centezmi (Lm96.42) kull wahda, li skadew kull xahar bejn il-15 ta' Dicembru, 1999 u l-15 ta' April, 2001 rispettivament (kopji ezibiti bhala Dok A1 sa Dok A9) ilkoll kemm huma mhux imhallsa, u li kollha kemm huma gew accettati mill-konvenuti favur is-socjeta attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti datata 17 ta' Frar 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti mill-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut John Mary Cardona permezz ta' nota pprezentata fl-20 ta' Mejju 2003 ammetta t-talba tas-socjeta attrici waqt li l-konvenuta Doreen Cardona ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu s-somma mitluba ta' elf sitt mija disgha u tletin Lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1639.14) kif mitluba mill-atturi bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti bl-iskadenza ta' kull kambjala;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti prevja illi l-atturi jipprezentaw fl-atti ta' dan l-avviz il-kambjali orginali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------